# Philatelic Issue - Euromed 2024: Sports in the Mediterranean

The Postal Union for the Mediterranean (PUMed) is a regional postal community with a mission to promote the collective interests of its members in the Euro-Mediterranean zone. Today, PUMed consists of 20 member countries with its headquarters in Malta.

This year, MaltaPost has again joined members of the Euromed Postal Joint Stamp Project in the issue of a new set of stamps bearing a common theme - "**Sports in the Mediterranean**". The two MaltaPost stamps feature traditional Maltese sport activities, specifically horse racing and the brilli game.

Horse racing has a tradition in Malta that generates excitement and joy to many. It is a family pastime passed down generations. The €0.38 stamp shows a horse and jockey speeding down a racetrack. The rider is Angelo Agius (1920-2017), known as "*Il-Genċ*", a veteran Maltese jockey and horse owner from Qormi. The second stamp, bearing a denomination of €2.00, shows a group of three adults enjoying an outdoor game of brilli, a local version of skittles unique to the island of Gozo. Both stamp drawings are the work of local artist Daniel Spiteri.

This set will be issued in a sheet of 10 stamps, with each stamp measuring 44mm x 31mm, with a comb perforation of 13.9 x 14.0 and bearing the Maltese Cross watermark. The sheets measure 185mm x 118mm and were produced by Printex Ltd in the offset process. The issue consists of 500,000 of the €0.38 stamp and 30,000 of the €2.00 stamp.

The stamps will be available from all Post Offices in Malta and Gozo from Monday 8 July 2024. Orders may be placed online at www.maltaphilately.com or by mail from the Philatelic Bureau, MaltaPost p.l.c., 305, Qormi Road, Marsa, MTP 1001; by telephone 2596 1740 or via e-mail info@maltaphilately.com



# Ħarġa Filatelika - Euromed 2024: L-Isports fil-Mediterran

L-Unjoni Postali għall-Mediterran (PUMed) hija komunità postali reġjonali bil-għan li tippromwovi l-interessi kollettivi tal-membri tagħha fiż-żona Ewro-Mediterranja. Illum, il-PUMed tikkonsisti minn 20 pajjiż membru bil-kwartieri ġenerali tagħha ġewwa Malta.

Din is-sena, MaltaPost reġgħet ingħaqdet mal-membri tal- "*Euromed Postal Joint Stamp Project*" fil-ħruġ ta' sett ġdid ta' bolli b'tema komuni – "**L-Isports fil-Mediterran**". Iż-żewġ bolli tal-MaltaPost juru attivitajiet sportivi tradizzjonali Maltin, speċifikament it-tiġrijiet taż-żwiemel u l-logħba tal-brilli.

F'Malta, t-tiġrijiet taż-żwiemel jiġġeneraw eċitament u ferħ lil ħafna nies. Huwa passatemp tal-familja mgħoddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. Il-bolla ta' €0.38 turi żiemel u ġerrej jiġru ġewwa l-korsa. Ir-rikkieb huwa Angelo Agius (1920-2017), magħruf bħala "*Il-Genċ*", ġerrej veteran Malti u sid taż-żwiemel minn Ħal Qormi. It-tieni bolla, b'denominazzjoni ta' €2.00, turi grupp ta' tliet adulti jgawdu l-logħba tal-brilli fil-beraħ. Din hija verżjoni lokali tal-logħba "*skittles*"u hija unika għall-gżira ta' Għawdex. Iż-żewġ tpinġijiet tal-bolli huma xogħol l-artist lokali Daniel Spiteri.

Dan is-sett jinħareġ f'folja ta' għaxar bolli, b'kull bolla ta' daqs 44mm x 31mm, b'perforazzjoni ta' 13.9 x 14.0 u għandha "watermark" bis-salib ta' Malta. Kull folja hija ta' daqs 185mm x 118mm u ġiet stampata minn Printex Limited bi proċess offset. Il-ħarġa tikkonsisti f'500,000 bolla tat-€0.38 u 30,000 bolla tal-€2.00.

Din il-ħarġa filatelika se tkun għall-bejgħ mill-Fergħat Postali f' Malta u Għawdex mit-Tnejn 8 ta' Lulju 2024. Ordnijiet jistgħu jsiru onlajn fuq https://www.maltaphilately.com/ jew bil-posta mill-Philatelic Bureau, MaltaPost p.l.c., 305, Triq Ħal Qormi, Marsa, MTP 1001 – telefon 2596 1740 – email info@maltaphilately.com